MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 11/2005

Teddy u Jennifer Miriam konjugi Zammit .

VS

Direttur Registru Pubbliku ghal Ghawdex .

Il-Qorti ;

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi wara li ppremettew :

Illi huma ghandhom tifel li jismu Maurice Gaetano kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-maghmudija hawn anness u markat bhala dok “A” ;

Illi fic-certifikat tat-twelid anness numru 116/04 u markat Dok “B” hemm zball fil-kolonna isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha fis-sens illi minflok “Maurice” ghandu jkun hemm “Maurice Gaetano” .

Talbu lill-konvenut jghid ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ;

1. tordna l-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid numru 116/04 billi fil-kolonna isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha fis-sens illi minflok : “Maurice” ghandu jkun hemm “Maurice Gaetano” .

Bl-ispejjez u l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi debitament ikkonfermata bil-gurament ta’ Teddy Zammit .

Rat ukoll ic-certifikati annessi ma’ l-istess citazzjoni, u cioe’ bhala dokument “A”, certifikat tat-twelid ta’ l-imsemmi Maurice Zammit; u bhala dokument “B”, certifikat tal-maghmudija, ta’ l-istess Maurice Zammit .

Rat ukoll in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament, l-atturi qeghdin jitolbu korrezzjoni tal-kolonna “Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha”, mentri jekk ha tinbidel din il-kolonna, suppost tintalab korrezzjoni wkoll tal-kolonna l-ohra “Ismijiet moghtija”, fis-sens illi minflok Maurice, Gaetano, Carmelo, ghandha tigi korretta ghal Maurice Gaetano, Carmelo, altrimenti l-ismijiet kif korretti ma jkunux jaqblu bejn kolonna u ohra ;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, huwa ma hux edott mill-fatti kif esposti mill-atturi ;
3. Illi ghalhekk jirrimetti ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti salv li l-provi migjuba mill-attrici jkunu sodisfacenti u korretti skond il-Ligi ;
4. Illi l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sofferti interament mill-attrici u f’kull kaz id-direttur ma ghandux ibati spejjez .
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess Direttur tar-Registru Pubbliku kkonfermata bil-gurament ta’ Dr. Marlin Vella .

Rat ukoll ir-rikors ta’ l-atturi li permezz taghha talbu li jigu awtorizzati jipprocedu ghal din il-kawza permezz ta’ l-ghajnuna legali . Dan ir-rikors igib id-data tat=2 ta’ Frar 2005, u gie degretat mill-Qorti fit-22 ta’ Frar, 2005 .

Semghet lill-attur Teddy Zammit bil-gurament tieghu jikkonferma l-kontenut tac-citazzjoni .

Il-Qorti ghal hekk tiddecidi l-kawza billi jidhrilha t-talba attrici hija gustifikata, billi tilqa’ l-istess talba ; u

1. Tordna l-korrezzjoni ta’ l-att tat-twelid numru 116/04 billi fil-kolonna Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejjha, fis-sens illi minflok : “Maurice” ghandu jkun hemm “Maurice Gaetano” .

Minhabba n-natura ta’ din il-kawza, ma ghandux ikun hemm spejjez .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------